**Ministeru ta' l-Edukazzjoni**

# Edukazzjoni Inkluziva

# Policy dwar Studenti b'Dizabilita'

**Kumitat Ministerjali dwar l-Edukazzjoni Inkluziva**
**(15/07/2000)**

Werrej


| Pagna | |
|---|---|
| 3 | L-Ghan ta’ din il-Policy |
| | |
| 4 | Taqsima A: Programm Edukattiv Individwalizzat (PEI) |
| 4 | 1. Il-Programmi Edukattivi Individwalizzati |
| 4 | 2. L-Ghanijiet Principali ta’ PEI |
| 4. | 3. Il-Karatteristici Principali ta’ PEI |
| 5. | 4. Eligibilita` |
| 5. | 5. It-Tfassil ta’ PEI |
| 6. | 6. Il-Kontenut ta’ PEI |
| 6. | 7. Ipprogrammar Skond Skeda ta’ Zmien |
| 7. | 8. Implimentazzjoni |
| | |
| 7. | Taqsima B: L-iStatementing Moderating Panel |
| 7. | 9. Hatra u Kontabilita` |
| 7. | 10. Kompozizzjoni tal-iStatementing Moderating Panel |
| 7. | 11. Il-Funzjonijiet tal-iStatementing Moderating Panel |
| 8. | 12. Il-Procedura ta’ Kif Tapplika |
| 9. | 13. Ir-Responsabiltajiet tal-Panel |
| 9. | 14. Proceduri li l-Panel Ghandu Jsegwi |
| 10. | 15. Ir-Rowl tad-Direttur Generali, Divizjoni ta’ l-Edukazzjoni |
| 11. | 16. Il-Format ta’ l-iStatement |
| 11. | 17. Provedimenti Edukattivi |
| 11. | 18. Rapport dwar il-Progress ta’ l-Istudent/a |
| 11. | 19. Revizjoni ta’ PEI |
| | |
| 13. | Taqsima C: Il-Bord ta’ l-Appelli |
| 13. | 20. Hatra u Kontabilita` |
| 13. | 21. Kompozizzjoni tal-Bord ta’ l-Appelli |
| 13. | 22. Procedura ghall-Appelli |
| | |
| 15. | 23. Konkluzjoni |
| 15. | 23. Implimentazzjoni f’Fazijiet |
| | |
| 16. | Skeda I: Provedimenti Edukattivi u ta’ Sapport lil Studenti b’Dizabilita’ |

**L-Ghan ta’ din il-Policy**

Din il-policy:

a) tiddiskrivi l-funzjoni tal-Programme Edukattiv Individwalizat (PEI) u tidentifika is-sitwazzjonijiet meta ghandu jigi adottat process informali ghat-tfassil tieghu, jew inkella meta jkun mehtieg process formali;

b) tirregola t-twaqqif, il-kompozizzjoni, l-funzjonijiet u l-proceduri ta’ l-iStatementing Moderating Panel;

c) tirregola t-twaqqif, il-kompozizzjoni u l-funzjonjiiet tal-Bord ta’ l-Appelli.

**Taqsima A**

| |
|---|
| **Programm Edukattiv Individwalizzat (PEI) (PEI)** |

## 1. Il- Programm Edukattiv Individwalizzat (PEI)

Il-PEI hu pjan bil-miktub, qasir u prattiku, imfassal ghal student b'dizabilita', li jiddiskrivi il-modifikazzjonijiet u t-tibdil ghall-programm edukattiv ta' xi student u s-servizzi necessarji li jassiguraw l-access shih ghad-drittijiet edukattivi kollha li ghandu l-istudent skond il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Il-PEI hi ghodda ewlenija biex tassigura opportunitajiet indaqs, fir-rigward tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, ghal studenti bi bzonnijiet edukattivi specjali minhabba dizabilita'. Xi studenti b'dizabilita' jinhtiegu tibdil u livelli ta' sapport minimu waqt li studenti ohrajn bi bzonnijiet aktar kumplessi jista' jkollhom bzonn ta' ppjanar aktar dettaljat biex isir it-tibdil edukattiv, teknologiku, specjalizat jew pjanijiet ta' kura medika.

## 2. L-Ghanijiet Principali ta' PEI

a) Iservi bhala ghodda ghall-ippjanar kollaborattiv bejn l-iskola, il-genituri, l-istudent (meta jkun xieraq), professjonisti tad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni, u servizzi ohra fil-komunita' li jkunu mehtiega jew li jkunu involuti fil-hajja ta' l-istudent.

b) Jigbor fil-qosor l-aspetti tal-programm edukattiv ta' l-istudent li huma modifikati jew mibdula, u jidentifika s-servizzi ta' sapport li jridu jigu pprovduti, u min hu responabbli biex dawn jigu pprovduti.

## 3. Il-Karatteristici Principali ta' PEI

a) Id-decizjonijiet jigu ppjanati u l-processi fformulati, b'mod li jghaqqdu l-assessment mal-ipprogrammar;

b) Studenti, genituri, ghalliema, u professjonisti ohra ta' sapport, ikollhom rekord tal-programm edukattiv ghal student individwali li ghandu bzonnijiet specjali li jservi ta' gwida *(benchmark)* ghall-evalwazzjoni u r-rappurtagg tal-progress registrat mill-istudent f'termini ta' kisbiet u oggettivi li jkun sar qbil dwarhom minn qabel;

c) Tigi stabilita relazzjoni cara bejn kull servizz ta' sapport li jkun qed jinghata u l-progamm edukattiv ta' l-istudent;

d) Il-programm jipprovdi l-kontabilita' li tassigura ppjanar individwalizzat;

e) Il-programm huwa mfassal b'mod li l-ġenituri u l-istudenti jkunu jistgħu jikkontribwixxu għall-process tal-ippjanar individwalizzat.

**4. Eligibilita` ghal PEI**

Kull student/a li ghandhom xi nuqqas li jfixkel il-progess edukattiv huma eligibbli ghal PEI.

**5. It-Tfassil ta' PEI**

a) PEI jista' jitfassal permezz ta' process informali mmexxi mill-iskola jew permess ta' process formali ta' statementing iggwidat minn panel mahtur ghal dan il-ghan mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni.

b) Meta student/a jkollu bzonn tibdil zghir ghall-materjal edukattiv jew ghat-taghlim, jew ghall-metodi ta' assessment, jew meta t-tibdil u s-sapport extra mehtieg jista' jigi pprovdut minn sorsi li ghandha l-iskola, it-tfassil tal-PEI ghandu jsir fi hdan l-iskola u ma jkunx ikkunsidrat bhala process ta' statementing formali.

c) Meta student/a ikollu bzonn tibdil u sapport 'il hinn minn dak li tista' tipprovdi l-iskola stess, qabel it-tfassil tal-PEI trid issir talba ghal assessment estensiv minn sorsi barra mill-iskola, process maghruf bhala l-Process ta' l-iStatementing.

d) Il-genituri ghandhom jinghataw l-opportunita' u s-sapport biex jippartecipaw b'mod attiv fil-process ta' l-ippjanar u l-PEI ghandu jservi ta' ghodda ghall-kollaborazzjoni kontinwa bejn l-iskola u l-familja ta' l-istudent. Sal-massimu possibbli, l-istudent/a ghandu jkun issapportjat ukoll b'mod attiv biex jippartecipa fil-process ta' l-ippjanar.

e) Il-miri *(goals)* stabiliti li jridu jintlahqu minn kull student/a ghandhom ikunu qrib dawk mistennija minn studenti ta' l-istess eta' jew grad, u jigu stabiliti f'livell adattat u li jistghu jintlahqu mill-istudent. B'hekk il-genituri, l-istudenti u l-istaff jigu inkoragguti jkollhom aspettattivi gholja li jistghu jintlahqu. Kull mira ghandha tkun akkumpanjata minn oggettivi li jistghu jitkejlu biex jghinu fir-revizjoni u l-evalwazzjoni tal-PEI.

f) Il-livell ta' dettall tal-PEI jiddependi minn kemm huma kumplessi l-bzonnijiet ta' l-istudent. Hekk, student jista' jkollu bzonn is-sapport ta' assistent personali biss u l-PEI ikun wiehed relattivament semplici. Student iehor bi bzonnijiet kumplessi minhabba numru ta' dizabiltajiet, ikollu bzonn servizzi u sapport varji, teknologiji specjalizzati u modifici kbar fil-kurikulu. F'dan il-kaz il-PEI ikun wiehed kumpless u estensiv.

g) Meta l-partijiet involuti ma jilhqux ftehim shih fuq il-PEI jew fuq Statement Formali, il-Bord ta' l-Appelli, imwaqqaf mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni ghal dan il-ghan, ikollu jaghti d-decizjoni finali.

## 6. Il-Kontenut tal-PEI

Il-livell ta' detall tal-PEI ghandu jirrifletti l-kumplessita' tal-bzonnijiet ta' l-istudent. Id-dokument tal-PEI ghandu jkollu dan li gej:

a) deskrizzjoni tal-livelli edukattivi milhuqa mill-istudent/a sa dak in-nhar;

b) x'ghandu jitghallem dak l-istudent/a f'dik is-sena skolastika partikolari fejn ikunu mehtiega modifici fl-oggettivi tat-taghlim applikabbli ghall-istudenti l-ohra ta' l-istess eta';

c) dettalji tat-tibdil mehtieg fil-materjal edukattiv, u fil-metodi tat-taghlim u tal-assessment;

d) deskrizzjoni u l-ammont ta servizzi ta' sapport li ghandhom jigu pprovduti;

e) deskrizzjoni tal-post fejn programmi edukattivi modifikati se jigu pprovduti;

f) l-ismijiet tal-professjonisti kollha li se jkunu involuti biex jipprovdu dan il-programm edukattiv u s-servizzi ta' sapport mehtiega mill-istudent matul is-sena skolastika;

g) fejn hu xieraq, pjanijiet ghat-tranzizzjoni li jkun imiss fl-edukazzjoni ta' l-istudent, inkluz it-tranzsizzjoni 'l hinn mill-iskola obbligatorja; u

h) il-perjodu ta' zmien u l-process ghall-revizjoni tal-PEI.

## 7. Iprogrammar Skond Skeda ta' Zmien

a) PEI ghal studenti eligibbli ghandu jitfassal:
   - (i) qabel jidhlu fis-sistema edukattiva formali;
   - (ii) qabel jidhlu fi skola sekondarja;
   - (iii) bi preparazzjoni ghal servizzi ta' persuni adulti, inkluzi dawk ghal edukazzjoni post-sekondarjai u ghal edukazzjoni u tahrig vokazzjonali; jew
   - (iv) jekk jinhass il-bzonn minn zmien ghal zmien matul is-sena skolastika.

b) Wara li tintlaqa'  t-talba ghal PEI, dan ghandu jitfassal fi zmien ragonevoli u kemm jista' malajr, qabel il-bidu ta' sena skolastika.

## 8. Implimentazzjoni

It-tfassil ta' PEI hu process kollaborattiv u jinvolvi numru sinifikanti ta' nies. Hi r-responsabilita' tal-Kap ta' l-Iskola li jassigura l-ko-ordinazzjoni, l-izvilupp, id-dokumentazzjoni u l-implimentazzjoni tal-PEI ta' student.

**Taqsima B**

| |
|---|
| **L-iStatemetning Moderating Panel** |

## 9. Hatra u Kontabilita’

a) Il-Panel ghandu jinhatar mill-Ministru ta’ l-Edukazzjoni u jirrispondi lid-Direttur Generali, Divizjoni ta’ l-Edukazzjoni.

b) Il-Panel ghandu jkun l-entita` maghrufa mill-Istat li ghandha d-dritt li tizviluppa Assessment Statutorju (maghruf bhala Statement) tas-sapport mehtieg biex jigi assigurat li studenti li ghandhom dizabilita’ jkollhom id-dritt ta’ edukazzjoni ta’ kwalita’, skond il-provedimenti tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali.

## 10. Il-Kompozizzjoni tal-iStatementing Moderating Panel

Il-Ministru ta’ l-Edukazzjoni ghandu jahtar Panel, li jkun kompost hekk:

a) Chairperson li ghandu jkun edukatur, preferibilment psikologu edukattiv, u li ma jkunx involut professjonalment mal-istudenti li jkunu se jinghataw statement;

b) Zewg membri li ghandhom ikunu ufficjali tad-Divizjoni ta’ l-Edukazzjoni b’esperjenza/kwalifici fl-edukazzjoni specjali u inkluziva, imma li ma jkunux involuti professjonalment mal-istudenti li jkunu se jinghataw statement;

c) Professjonista iehor b’esperjenza/kwalifici fil-qasam ta’ l-edukazzjoni ta’ studenti b’dizabilita’ simili ghal dik ta’ l-istudent li jkun se jinghata l-istatement, u li ma jkunux involuti professjonalment mal-istudent li jkun se jinghata l-istatement. Dan il-professjonista ghandu jigi co-opted mill-Panel bhala membru ghal dik is-sessjoni partikolari biss;

d) Il-Kap ta’ l-Iskola, jew rapprezentant tieghu jew taghha, li ghandu jkun co-opted mill-Panel bhala membru waqt l-assessment ta’ xi student partikolari mill-iskola tieghu jew taghha.

## 11. Il-Funzjonijiet ta’ l-iStatementing Moderating Panel

Il-funzjonijiet tal-iStatementing Moderating Panel ghandhom ikunu dawn:

a) li jassigura li l-iskola koncernata tkun ghamlet jew ghandha taghmel dak kollu li tista’ biex tissodisfa l-bzonnijiet ta’ l-istudent permezz tar-rizorsi li l-iskola jkollha diga’;

b) Li tigbor u tanalizza rapporti miktuba ta’ assessments trans-dixxiplinarji minn professjonisti differenti fil-prattika governattiva jew privata li jinkludu edukaturi, il-genituri, professjonisti medici, psikologi, professjonisti socjali, vokazzjonali, tal-komunikazzjoni, u ohrajn;

c) Li titlob entitajiet u professjonisti li jkunu ghamlu assessments biex jaghtu aktar informazzjoni fejn mehtieg;

d) Li tistieden lill-genituri, studenti/persuni li jaqbzu ghad-drittijiet tal-genituri (parents advocates) u professjonisti biex jiddiskutu fil-fond oqsma li johorgu mir-rapporti tal-assessment ipprezentati lill-panel;

e) Li tfittex b’mod attiv konsultazzjoni mal-genituri u fejn hu possibbli, l-istudenti infushom, bhala parti mill-process mandatorju fl-izvilupp ta’ l-istatement;

f) Li jistabilixxi n-natura u l-livell ta’ sapport edukattiv mehtieg mill-istudent/a li jkun qed isirlu statement biex jigi assigurat li jkollu edukazzjoni ta’ kwalita’ li ghandu dritt ghaliha skond il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali;

g) Li jissottometti l-iStatements lid-Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni ghal azzjonijiet li jkunu mehtiega li jittiehdu biex dawn l-istudenti jkollhom is-sapport edukattiv mehtieg;

h) Li minn zmien ghal zmien jaghmel revizjoni tal-iStatements ta’ l-istudenti;

i) Li jipprepara rapporti annwali biex jinghataw lill-Ministru u lid-Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni.

**12. Il-Procedura ta’ Kif Tapplika**

a) Il-Kap ta’ l-Iskola fejn l-istudent ikun se jattendi jew ikun diga’ qed jattendi, jiddiskuti mal-genituri/kuraturi x’sapport jew provedimenti edukattivi jistghu jigu offruti fil-livell ta’ l-iskola lill-istudent b’dizabilita’, biex jigi assigurat id-dritt ghal edukazzjoni ta’ kwalita’ skond il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali.

b) Jekk il-Kap u l-genituri jikkunsidraw li hemm bzonn ta’ aktar rizorsi minn dawk li l-iskola tista’ tipprovdi, il-Kap ta’ l-Iskola jirreferi lill-genituri/tuturi ghall-iStatmenting Panel u jaghtihom kopja tal-formola ta’ l-applikazzjoni mahruga ghal dan il-ghan biex jimlewha.

c) Il-genituri/tuturi tal-istudent jibaghtu l-formola tal-applikazzjoni, flimkien ma’ kopji ta’ rapporti ta’ assessments li huma jkollhom, lill-iStatementing Panel.

d) Jekk il-Kap ikun tal-fehma li l-istudent ikollu bzonn Statement, u l-genituri/tuturi ma jaqblux, il-Kap ta’ l-Iskola jirreferi lill-istudent u lill-genituri lis-Servizz Psikologiku ta’ l-Iskejjel (School Psychological Services) biex issir aktar

diskussjoni. Jekk, wara diskussjoni mal-professjonisti rilevanti, il-ġenituri jibqgħu ma jaqblux, id-Direttur (Servizzi ta' l-Istudenti) għandu, minkejja kollox, jirreferi l-istudent lill-iStatementing Moderating Panel.

e) Jekk il-ġenituri huma tal-fehma li t-tifel/tifla tagħhom hu intitolat għal Statement, imma l-Kap ta' l-Iskola ma jaqbilx, huma jistgħu jressqu t-talba tagħhom lill-Panel mingħajr l-approvazzjoni tal-Kap. Il-Panel jista' jaċċetta jew jirrifjuta t-talba tal-ġenituri/tuturi. Jekk il-Panel jirrifjuta t-talba tal-ġenituri, huma jistgħu jirreferu l-istess talba lill-Bord ta' l-Appell (skond kif definit aktar 'il quddiem f'dan id-dokument) għal deċiżjoni dwar jekk il-proċess għal Statement lit-tifel/tifla tagħhom għandux jibda jew le. Id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli hi finali.

## 13. Ir-Responsabiltajiet tal-Panel

a) Il-Panel għandu jiżviluppa l-iStatement bi sħab ma' l-istudent, il-ġenituri/tuturi ta' l-istudent/a u l-familja tiegħu jew tagħha, max-xibka informali ta' sapport ta' l-istudent/a, mal-iskola ta' l-istudent/a u kull persuna oħra li hi sinifikanti fil-ħajja ta' l-istudent/a.

b) Fil-proċess ta' l-iżvilupp ta' Statement, il-Panel għandu jieħu konsiderazzjoni ta' kull assessment bil-miktub li jkun sar fit-tnax-il xahar ta' qabel minn professjonisti f'dixxiplini differenti kemm dawk mis-settur pubbliku kif ukoll mis-settur privat. Dan isir wara li l-Panel ikun ġab il-kunsens ta' l-istudent/a konċernat jew il-ġenituri tiegħu skond il-każ.

c) Il-Panel għandu jagħti aċċess lill-ġenituri/tuturi jew, fejn ikun indikat, lill-istudent stess, għar-rapporti kollha li jkun hemm fil-file tal-Panel.

## 14. Il-Proċeduri li l-Panel Għandu Jsegwi

L-iStatementing Moderating Panel għandu jadotta din il-proċedura:

a) Jirreġistra l-applikazzjonijiet kollha għal Statement;

b) Iżomm profili ta' l-istudenti bil-korrispondenza relevanti, dokumenti, minuti u deċiżjonijiet;

c) Iżomm laqgħat fuq bażi regolari u jżomm Minuti ffirmati ta' kull laqgħa;

d) Jiċċekkja jekk l-assessments relevanti humiex għad-dispożizzjoni tal-membri u, bil-kunsens tal-ġenituri/tuturi ta' l-applikant, jitlob professjonisti u l-iskejjel jibagħtu rapporti li jkunu għadhom mhumiex f'idejn il-ġenituri sa dak il-ħin; il-ġenituri għandhom ikollhom aċċess għal dawn ir-rapporti qabel ma ssir diskussjoni dwarhom.

e) Fl-assenza ta' assessment bhal dan, jaghti parir lill-genituri/tuturi biex igibu rapport minn agenziji bhal ma' hi s-CDAU;

f) Fil-kaz ta' punt (e) hawn fuq, jirreferi permezz ta' ittra lill-applikant lis-CDAU jew agenziji ohra simili li jaghmlu assessments, biex isir l-assessment mehtieg;

g) Meta d-dokumentazzjoni kollha mehtiega tkun f'idejn il-Panel, jistieden lill-Kap ta' l-Iskola jew rapprezentant tieghu jew taghha biex ikun prezenti fil-laqghat li jsiru dwar dak l-istudent/a;

h) Jipprovdi lill-genituri/tuturi, studenti, entitajiet li jaqbzu ghall-genituri (parents advocates) (skond il-htiega), b'dokumetazzjoni shiha li tkun se tigi diskussa mill-Panel u li ma tkunx diga' fil-pussess taghhom, u jiddiskuti maghhom il-kontenut ta' dawn id-dokumenti;

i) Jiddiskuti fil-fond mal-genituri/tuturi, l-istudent/a (fejn hu l-kaz) u dawk li jaqbzu ghall-genituri (parents advocates), kull decizjoni li tkun qed tigi kkunsidrata mill-Panel, bir-ragunijiet ghaliex dawk id-decizjonijiet ikunu qed jigu kkunsidrati;

j) Jiddiskuti fil-fond mal-genituri/tuturi, l-istudent/a (fejn hu l-kaz) u dawk li jaqbzu ghall-genituri, kull decizjoni li tkun ittiehdet mill-Panel u bir-ragunijiet ghala dawk id-decizjonijiet ikunu ttiehdu;

k) Jekk ikun hemm il-bzonn, jistieden professjonisti li jkunu assessjaw l-istudent/a biex jipprezentaw ir-rapport taghhom f'aktar dettall;

l) Jekk ikun hemm il-bzonn, f'kaz li l-istudent ikun diga' qed jattendi dik l-iskola, jitlob ufficjali mid-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni biex josservaw lill-istudent/a fil-klassi u li jaghmlu rakkomandazzjonijiet bil-miktub lill-Panel;

m) Jiddetermina l-bzonnijiet edukattivi, psikologici, ta' imgiba, ta' komunikazzjoni, socjali u fizici ta' l-istudent/a;

n) Jifformula r-rapport b'assessment finali u rakkomandazzjonijiet;

o) Jissottometti r-rapport lid-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni u jaghti kopja lill-genituri.

## 15. Ir-Rwol tad-Direttur Generali, Divizjoni ta' l-Edukazzjoni

Meta jircievi Statement bil-miktub, id-Direttur Generali jew id-delegat tieghu jew taghha, ghandu:

a) jassigura li l-ufficjali edukattivi responsabbli biex jipprovdu l-provedimenti mehtiega, isegwu dawk ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-iStatementing Panel li jistghu jitwettqu.

b) Jinforma bil-miktub lill-Kap ta' l-Iskola dwar dak kollu li johrog mill-iStatement;

c) Izomm lill-ġenituri infurmati bil-miktub bid-deċizjonijiet kollha li jkunu ttiehdu bhala rizultat tal-process ta' l-iStatementing u, fejn il-kaz, jaghti fi zmien xahar minn meta jircievi r-rapport ta' l-iStatementing, ir-ragunijiet ghala ma kienx ragonevoli u ggustifikat ghad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni li jsegwi xi rakkomandazzjoni tal-Panel.

**16. Il-Format ta' l-iStatement**

L-iStatement bil-miktub ghandu jigi pprezentat b'mod li jkollu ta' l-anqas dawn l-affarijiet:

*L-Ewwel Parti:* **Informazzjoni Personali:**
L-isem u l-indizz ta' l-istudent/a, id-data tat-twelid; in-numru tal-karta ta' l-identita'/ jew ta' l-isptar, l-ismijiet u l-indirizz tal-genituri/ tuturi ta' l-istudent/a; in-numru tal-karta ta' l-identita' taghhom, in-numru/i tat-telefon tad-dar taghhom; is-sapport li qed jircievi l-istudent/a (jekk ikun hemm); l-iskola fejn qed jattendi u l-klassi, l-iskola futura u s-sena.

*It-Tieni Parti:* **Deskrizzjoni tal-mod kif jiffunzjona l-istudent/a:**
L-abilitajiet ta' l-istudent/a bbazati fuq pariri professjonali; l-oqsma principali li qed joholqu thassib, li huma l-qasam fiziku, sensorjali, mentali/konjittiv, komunikattiv, ta' imgieba u socjali.

*It-Tielet Parti:* **Rakkomandazzjonijiet**:
Deskrizzjoni dettaljata tas-sapport mehtieg biex l-istudent/a jkollu edukazzjoni ta' kwalita' li ghandu dritt ghaliha.

*Ir-Raba' Parti:* **Rakkomandazzjonijiet Ohra:**
Dawn huma mahsuba ghall-personnel ta' l-iskola, genituri u dawk kollha li jistghu jghinu lill-istudent/a.

**17. Il-Provedimenti Edukattivi**

Il-provedimenti edukattivi u ta' sapport iehor jistghu jkunu xi wiehed jew ghazla ragonevoli ta' servizzi mnizzla fi Skeda 1.

**18. Rapport dwar il-Progress ta' l-Istudent/a**

Il-Kap ta' l-Iskola ghandu jissottometti lid-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni rapport f'nofs u fi tmiem is-sena skolastika dwar l-impatt tas-sapport edukattiv li jkun qed jinghata lill-istudent/a, u kull rakkomandazzjoni li jkollha x'taqsam mar-revizjoni tal-PEI ta' l-istudent/a.

**19. Revizjoni ta' PEI**

a) Sakemm ma jkunx indikat mod iehor mill-iStatementing Moderating Panel, u sakemm xi persuna interessata ma taghmilx talba ghal revizjoni tal-iStatement ta' student/a, kull Statement ghandu jigi rivedut f'dawn ic-cirkustanzi:

- tranzizzjoni mill-Kindergarten ghall-Ewwel Sena (fl-ahhar tas-snin tal-Kindergarten);
- tranzizzjoni mill-Iskola Primarja ghal dik Sekondarja;
- meta l-istudent/a jaghlaq 14-il sena, biex jibda Pjan ta' Tranzizzjoni ghal Servizzi ta' l-Adulti;
- jew skond kif mehtieg meta jinbidlu c-cirkustanzi.

b) Generalment, il-process ghal revizjoni ta' PEI ghandu jinbeda fil-bidu tas-sena kalendarja u jintemm ma' tmiem is-sena skolastika.

d) Ghalkemm il-process formali ghal revizjoni ta' statement ta' student/a ghandu jigi regolat skond 2.9.2 ta' hawn fuq, il-modifikazzjonijiet mehtiega tal-PEI ta' student/a ghandhom isiru b'mod regolari. Kull varjazzjoni sinifikanti mill-iStatement Formali ghandu jigi rrapportat mill-Kap ta' l-Iskola lill-Panel, u diskuss mal-genituri/tuturi kif mehtieg.

**Taqsima C**

## Il-Bord ta’ l-Appelli

### 20. Hatra u Kontabilita’

Il-Ministru ghandu jahtar Bord ta’ l-Appelli dwar l-iStatementing biex jikkunsidra appelli dwar ir-rakkomandazzjonijiet ta’ l-iStatementing Moderating Panel jew dwar ir-rizultati tar-revizjonijiet perjodici li jsiru. Il-Bord jirrapporta direttament lill-Ministru ta’ l-Edukazzjoni.

### 21. Kompozizzjoni tal-Bord ta’ l-Appelli

Il-Bord ta’ l-Appelli ghandu jkun kompost hekk:

a) Chairman li jkun edukatur estern, preferibilment psikologu edukattiv li ma jkunx involut professjonalment ma’ l-istudenti koncernati;

b) Membru li jirrapprezenta lid-Divizjoni ta’ l-Edukazzjoni, li jkollu kwalifici fl-edukazzjoni specjali/inkluziva u li ma jkunx involut professjonalment ma’ l-istudenti koncernati;

c) Membru li jirrapprezenta lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b’Dizabilita’ u li ma jkunx involut professjonalment ma’ l-istudenti koncernati.

### 22. Il-Procedura ghall-Appelli

a) Il-genituri/tuturi ta’ l-istudent/a u/jew il-Kap ta’ l-Iskola ghandhom jappellaw bil-miktub lic-Chairperson tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-iStatementing u jindikaw b’mod car ir-ragunijiet ghaliex ikunu qed jaghmlu l-appell.

b) Il-Bord ghandu jirregistra l-appell u jinforma bil-miktub lil min ikunu ghamlu li l-appell ikun wasal ghand il-bord.

c) Biex jasal ghal decizjoni gusta dwar is-sapport mehtieg mill-istudent u biex tigi assigurata edukazzjoni ta’ kwalita’, il-Bord ta’ l-Appelli ghandu jisma’ l-persuna li tkun qed tissottometti l-appell u jaghti kaz ta’ kull opinjoni ohra rilevanti, rapporti u assessments. Fejn ikun mehtieg, il-Bord ghandu jikkonsulta ukoll ma’ kull persuna ohra jew specjalista li l-Bord iqis mehtieg.

d) Il-Bord ta’ l-Appelli ghandu jipprezenta r-rakkomandazzjoniet tieghu lill-Ministru ta’ l-Edukazzjoni fi zmien 21 gurnata minn meta jircievi dan l-appell.

e) Il-Ministru ta’ l-Edukazzjoni, ghandu, bil-miktub, jaghti direzzjoni lid-Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni biex jimplimenta kull rakkomandazzjoni li tkun saret mill-Bord tal-Appelli dwar Statementing.

f) Id-Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni, ghandu, bil-miktub jinforma lill-Ministru dwar dawk ir-rakkomandazzjonijiet li d-Divizjoni ma tkunx tista’ timplimenta b’mod ragonevoli u bir-ragunijiet ghal dan.

g) Id-Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni ghandu jinforma bil-miktub lill-genituri u lill-Kap ta’ l-Iskola koncernata bid-decizjonijet li jkunu ttiehdu.

## Konkluzjoni

### 23. Implimentazzjoni f'Fazijiet

Dan id-dokument ta' policy jigbor fih id-direzzjoni mixtieqa u fit-tul tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-principji tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Jekk dan id-dokument isirx realta' jew le jiddependi minn kemm dawk kollha involuti jaqblu ma' pjan realistiku u f'fazijiet ghall-implimentazzjoni ta' dawn l-oqsma:

a) jintemm it-tahrig tal-personnel kollu mehtieg f'kull livell;

b) il-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni tipprovdi tipi differenti ta' korsijiet u tahrig ghal livelli differenti ta' personnel li jissapportjaw lill-istudenti fil-klassi, kemm fil-livell inizjali kif ukoll f'dak ta' zvilupp professjonali;

c) l-ingagg tal-personnel mehtieg f'kull livell flimkien mar-rizorsi mehtiega;

d) il-holqien ta' postijiet godda flimkien ma' l-iskali tas-salarji relattivi (ezempju SENCOs);

e) li jkun hemm il-fondi mehtiega biex jissodisfaw id-domanda.

**Skeda 1**
**Provedimenti Edukattivi u ta' Sapport Iehor lil Studenti b'Dizabilita'**

**Facilitator:** Persuna mahtura biex tkun inkarigata minn student/a wiehed partikolari. Il-Facilitator ghandu/ha, b'kollaborazzjoni mal-ghalliem/a tal-klassi, il-genituri u professjonisti ohra, tikkoordina l-implimentazzjoni tal-PEI ta' l-istudent. Madanakollu, meta possibbli, il-Facilitator ghandha tissapportja wkoll lill-istudenti l-ohra fl-iskola kif ukoll lill-ghalliem/a fil-hidma tieghu mal-klassi kollha.

**Facilitator bi Shab:** Persuna mahtura biex tkun inkarigata minn zewg studenti jew aktar fl-istess klassi jew fi klassi differenti. Il-facilitator ghandha, b'kollaborazzjoni mal-ghalliem/a tal-klassi, il-genituri u professjonisti ohra, tikkoordina l-implimentazzjoni tal-PEI ta' dawn l-istudenti. Il-Facilitator ghandha tissapportja wkoll lill-istudenti l-ohra fl-iskola kif ukoll lill-ghalliem fil-hidma tieghu mal-klassi kollha.

**Sapport Parzjali:** Assistent ta' l-Istudenti (Bzonnijiet Specjali) (minghajr Diploma ta' l-Universita' fil-kors Facilitating Inclusive Education) inkarigat li jghin studenti b'dizabilita' li ghandhom bzonn sapport li ma jkunx specifikament edukattiv.

**Assistenza Personali**: Studenti b'dizabilita' fizika jistghu jinghataw is-sapport necessarju biex jiffunzjonaw fl-iskola halli jkunu jistghu jaccessaw b'mod shih il-kurrikulu.

**Ghalliem Peripatetiku:** Ghalliem specjalizat (bhal ma huma dawk tal-istudenti neqsin mis-smigh u l-vista) li jzuru l-iskejjel b'mod regolari biex jissapportjaw l-istudenti u l-ghalliem/a tal-klassi.

**Skola Specjali:** L-iStatementing Panel jista', wara assessment profond, jiddeciedi li x'uhud mill-bzonnijiet edukattivi specjali ta' student/a jistghu jigu moqdija tajjeb permezz ta' provedimenti edukattivi specjalizati li jinsabu fi Skola Specjali. F'dawn is-sitwazzjonijiet eccezzjonali, l-iStatement ghandu jinkludi sezzjoni specjali dwar opportunitajiet ghall-inkluzjoni li jkunu se jigu pprovduti lill-istudent/a koncernat.

**Programmi Edukattivi Specjalizzati:** Il-Panel jista' jirrakkomanda li student/a jattendi programm specjalizzat offrut fl-iskola stess jew barra mill-iskola, per ezempju: edukazzjoni kumplimentarja, lingwa tas-sinjali, taghlim multi-sensorjali.

**Persuna li Tiehu n-Noti:** Studenti neqsin mis-smigh li ma jistghux jiehdu n-noti u jsegwu l-lezzjonijiet fl-istess hin ghandhom jigu ssapportjati minn persuni li jiehdu n-noti.

**Interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali:** Persuni li l-ewwel lingwa taghhom hi l-Lingwa tas-Sinjali ghandhom jigu pprovduti b'interpreti biex huma jkunu jistghu jaccessaw b'mod shih il-kurrikulu.

**Tahrig fil-Mobilita':** Persuni li ghandhom nuqqas ta' vista ghandhom jigu mharrga biex ikunu mobbli u indipendenti.

**Sapport Teknologiku:** Sapport teknologiku, bhal ma huma kompjuters, Braille writers, ecc, ghandhom jigu pprovduti. Dan jista' jnaqqas ukoll il-bzonn ta' sapport uman lill-istudenti.

**Gwida u Tahrig Vokazzjonali:** Studenti li jilhqu l-eta' tal-puberta', jew qabel, ghandhom jigu ssapportjati biex ikollhom il-gwida u t-tahrig necessarju li jghinhom biex eventwalment, ikollhom hajja adulta ta' kwalita'.

**Sapport Emozzjonali u fl-Imgiba:** Studenti li ghandhom diffikultajiet fl-imgiba u emozjonali ghandhom jigu pprovduti bis-sapport terapewtiku mehtieg.

**Terapija fil-Komunikazzjoni**: Studenti li ghandhom bzonn sapport fil-komunikazzjoni, lingwa u/jew diskors jistghu jinghataw din il-forma ta' sapport.

**Fizjoterapija**: Studenti b'dizabilita' fizika jistghu jinghataw il-fizjoterapija necessarja li tghin lill-istudent/a jkompli jircievi edukazzjoni ta' kwalita'.

**Terapija Okkupazzjonali:** Studenti b'diffikultajiet sinifikanti fil-kapacitajiet kif jghinu lilhom infushom (self help skills) u kif jaghmlu movimenti zghar (fine motor skills) ghandhom jinghataw terapija okkupazzjonali.

**Sapport Mediku**: Studenti li ghandhom bzonn kura medika li tista' tinghata biss minn personnel mediku ghandhom ikollhom access ghas-servizzi ta' ners jew professjonisti ohra fil-qasam mediku.

**Interventi ta' Hidma Socjali:** Studenti u l-familji taghhom li jinhtiegu gwida, counselling u hidma socjali ohra ghandhom jinghataw is-sapport biex jeghlbu l-ostakoli li jkunu qed itellfuhom milli jiehdu edukazzjoni ta' kwalita'.

**Servizzi Socjali u tas-Sahha fil-Komunita':** Il-Panel jista' jirrakkommanda l-involviment ta' servizzi socjali u/jew tas-sahha bbazati fil-komunita' u kif dawn jistghu jigu kkoordinati biex ikun assigurat access shih ghall-kurrikulu.

**Sapport lill-Genituri:** Jekk ikun mehtieg, il-genituri ghandhom jinghataw access ghall-servizzi ta' sapport u tahrig biex huma jkunu jistghu jissodisfaw il-bzonnijiet tat-tifel/tifla taghhom.

**Xi Sapport Iehor:** Il-Panel jista' jirrakkomanda kull mizura ohra ta' sapport li jhoss xieraq.